22 ta' Diċembru, 1948.

Imħallef:

L-Onor. Prof. Dr. E. Ganado, LL.D.

**Kan. Vincenzo Camilleri ne. *versus* Alfredo Depasquale**

**Piż — Distruzzjoni tal-Fond.**

*Il-piż huwa mpost mhux biss fuq l-edifiċju, imma anki fuq is-sit li fuqu jinsab kostruwit; u għalhekk jekk jiġi distrutt il-fond, il-piż jibqa' dovut l-istess sakemm ma jiġix pruvat li ġie distrutt anki s-sit li fuqu l-fond kien mibni.*

Il-Qorti — Rat it-talba ta' l-attur quddiem il-Qorti Ċivili tal-Maġistrati tal-Pulizija Ġudizzjarja ta' Malta biex iħallas is-somma ta' £7 piż impost fuq il-fondi numri 241-242, Triq Vittorja, Senglea, bir-rata ta' £1 fis-sena mis-sena 1941. Bl-ispejjeż;

*Omissis;*

Rat is-sentenza mogħtija mill-Qorti fuq imsemmija fis-6 ta' Novembru 1948, fejn laqgħet it-talba ta' l-attur bl-ispejjeż; wara li kkunsidrat;

Illi l-fatt illi l-fond jinsab imġarraf bil-ħidma tal-għadu ma hux biżżejjed biex jillibera lill-konvenut mill-ħlas tal-piż, għaliex dak jinsab impost mhux biss fuq l-edifiċju, imma anki fuq is-sit li fuqu jinsab kostruwit; u sakemm ma tiġix pruvata d-distruzzjoni anki tas-sit li fuqu kien jinsab kostruwit il-fond, dak il-piż dejjem huwa dovut; illi rriżulta li l-konvenut daħħal minn kera ta' parti ta' dan il-fond is-somma ta' £8, li tissupera dak li huwa dovut bħala piż, u għalhekk lanqas jista' jingħad illi l-fond huwa totalment distrutt kif eċċepixxa;

Rat in-nota ta' l-appell tal-konvenut u ċ-ċitazzjoni tiegħu, fejn talab illi s-sentenza fuq imsemmija tiġi revokata, u għalhekk l-appellant jiġi liberat mid-domandi ta' l-attur; bl-ispejjeż;

*Omissis;*

Tikkunsidra;

*Omissis;*

Tikkunsidra fuq il-meritu;

Illi għandhom ikunu adottati l-motivi għas-sentenza appellata;

Illi per mezz ta' rikors tat-2 ta' Diċembru 1948, meta dik il-kawża kienet ġiet trattata quddiem din il-Qorti fis-seduta tal-24 ta' Novembru 1948, u differita għas-sentenza, il-konvenut talab illi s-sentenza tiġi sospiża biex terġa' tinfetaħ it-trattazzjoni, fejn huwa ried jagħti eċċezzjonijiet ta' natura tali li jmisshom ġew mogħtija quddiem l-Ewwel Qorti, u mhux f'din is-sedi u f'dan l-istadju, u għalhekk dik it-talba ta' dak ir-rikors ġiet respinta;

Għal dawn ir-raġunijiet;

Tirrespinġi l-appell tal-konvenut u għalhekk tikkonferma s-sentenza li minnha hemm appell, bl-ispejjeż kontra l-appellant bir-riżerva favur tiegħu ta' kwalunkwe azzjoni li għaliha għandu dritt "si et quatenus".

---